Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank fis-sena 1998, liema valur ġie aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar u dan a rigward il-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq l-Argotti, fil-Furjana, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Il-fond bin-numru 34 fi Triq l-Argotti, fil-Furjana, li huwa muri delinejat bil-kulur aħmar u mmarkat bħala plots ittri 'A', 'B' u 'C' fuq il-pjanta P.D. nru. 267A_89_1, u stmat għall-valur ta' tlett elef, mija u wieħed u tmenin Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€3,181.89).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fl-4 ta' April, 2022. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Ian Camilleri Cassar

Is-26 ta' Mejju, 2022

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

5th September, 2022

This site plan is being published on page 12,920.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of the premises at Triq l-Argotti, in Floriana, required for exprpriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the freehold and unencumbered value in the year 1998, which value was updated along the years according to the index of inflation published in the Schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance and this regarding the property mentioned below at Triq l-Argotti, in Floriana, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

The premises with number 34 in Triq l-Argotti, Floriana, which is shown with the colour red and marked as plots letters 'A', 'B' and 'C' on plan P.D. no. 267A_89_1, and valued for three thousand, one hundred and eighty nine Euros and eighty nine cents (€3,181.89).

Note: This is an extract of the original report given by me on the 4th April, 2022. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Perit Ian Camilleri Cassar

26th May, 2022


Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only

A OWNERSHIP AT GROUND FLOOR

B GROUND FLOOR UNDERLYING THIRD PARTY STAIRCASE

C GROUND FLOOR UNDERLYING THIRD PARTY STAIRCASE




Scale 1:100

0 2 4 6 8 10m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **251742 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 55232 y = 72412**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **5472**	Data: *Date:* **24/02/2022**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* Area - 43.3m² (circa).

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

Dritt imħallas *Fee Paid*

LR 213368

Nru. 1178

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-Aġent President ta' Malta tat-18 ta' Ġunju, 1993, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Ilum, jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Is-7 ta' Settembru, 2022
(File No. L 632/74/V/3 UDP)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fl-Imsida:

L-utile dominju perpetwu tal-biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,295 metru kwadru, li tmiss mil-Majjistral ma' proprjetà ta' Mario Galea Testaferrata, mix-Xlokk ma' triq pubblika u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Lawrence Cuschieri jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur isfar u mmarkata bħala plot numru 3 fuq il-pjanta L.D. nru. 104D/75 parti minn, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-utile dominju perpetwu tal-biċċa art hawn fuq imsemmija skont l-Avviż ta' Ftehim tat-28 ta' Novembru, 2001 kien ta' sitta u tmenin elf, tmien mija u sebgħa u sittin Ewro (€86,867), liema avviż ħareġ skont l-istima tal-Perit Arkitett Joe Mizzi, A&CE, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni. Il-valur indikat fl-Avviż ta' Ftehim hekk kif aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-iskeda tal-Ordinanza li

No. 1178

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the Acting President of Malta of the 18th June, 1993, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase.

Today, I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

7th September, 2022

Description of the Land

The following land at Msida:

The perpetual utile dominium of the plot of land measuring about 1,295 square metres, bounded on North West by property of Mario Galea Testaferrata, on the South East by a public road and on the South West by property of Lawrence Cuschieri or more precise boundaries.

The above mentioned land is shown delineated with the colour yellow and marked as plot number 3 on plan L.D. no. 104D/75 part of, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 44 of Chapter 573.

The compensation offered for the perpetual utile dominium of the above mentioned plot of land according to the Notice of Agreement of the 28th November, 2001 was of eighty six thousand, eight hundred and sixty seven Euros (€86,867), which notice was issued according to the valuation made by Architect Joe Mizzi, an extract of which is being attached with this declaration. The value indicated in the Notice of Agreement as updated through the years according to the index of inflation

Tneħħi l-Kontroll tad-Djar huwa ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, seba' mija u ħdax-il Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€127,711.25). Din id-dikjarazzjoni qeda ssir a bażi tal-tal-Artikolu 44 u 65 tal-Kapitolu 573.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-1 ta' Settembru, 2022

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 12,925.

Art fl-Imsida

Fuq struzzjonjiet tal-Kummissarju tal-Artijiet, skont Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet (għal Skopijiet Pubbliċi), qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fl-Imsida, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li ħadt in kunsiderazzjoni l-lokalità, kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-valur tal-istess proprjetà.

Plot 3. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,295 metru kwadru, li tmiss mil-Majjistral ma' proprjetà ta' Mario Galea Testaferrata, mix-Xlokk ma' triq pubblika u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Lawrence Cuschieri, liema art hija meqjusa bħala art agrikola u in parti bħala art fabbrikabbli fit-termini tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet u hija murija bl-isfar fuq il-pjanta L.D. nru. 104D/75, hija stmata għall-valur ta' tnejn u erbgħin elf u sitt mitt Lira Maltija (Lm42,600). Dan il-valur għandu jinqasam kif ġej:

ħamest elef, tliet mija u tmien Liri Maltin (Lm5,308) għad-Dirett Dominju u seba' u tletin elf, mitejn u tnejn u disgħin Lira Maltija (Lm37,292) għall-Utile Dominju.

Nota: Dan ir-rapport qiegħed jibdel ir-rapport datat 13 ta' April, 1993 f'dak li għandu x'jaqsam mal-proprjetà hawn fuq imsemmija.

(Iff.) Perit Joe Mizzi, A&CE

Is-7 ta' Novembru, 2001

published in the schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance is of one hundred and twenty seven thousand, seven hundred and eleven Euros and twenty five cents (€127,711.25). This declaration is being made on the basis of Article 44 and 65 of Chapter 573.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

1st September, 2022

This site plan is being published on page 12,925.

Land at Msida

As directed by the Commissioner of Land, in terms of Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, I am assessing the freehold and unencumbered value of the property described hereunder in Msida, which is required by the Government for a purpose, and this after having considered the locality, as well as other matters which are related to the value of the same property.

Plot 3. A plot of land measuring about 1,295 square metres, bounded on North West by property of Mario Galea Testaferrata, on the South East by a public road and on the South West by property of Lawrence Cuschieri, which land is considered as agricultural land in terms of the Land Acquisition Ordinance and is shown in yellow on plan L.D. no. 104D/75, is valued at forty two thousand and six hundred Maltese Liri (Lm42,600). This value should be divided as follows:

five thousand, three hundred and eight Maltese Liri (Lm5,308) for the Direct Dominium and thirty seven thousand, two hundred and ninety two Maltese Liri (Lm37,292) for the Utile Dominium.

Note: This report is changing the report dated 13th Apri, 1993 for that related to the above mentioned property..

(Sgd) Perit Joe Mizzi, A&CE

7th November, 2001

Nru. 1179

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-Aġent President ta' Malta tat-18 ta' Ġunju, 1993, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Ilum, jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Is-7 ta' Settembru, 2022
(File No. L 632/74/V/3 DDP)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fl-Imsida:

Id-direttdominju perpetwu tal-biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,295 metru kwadru, li tmiss mil-Majjistral ma' proprjetà ta' Mario Galea Testaferrata, mix-Xlokk ma' triq pubblika u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Lawrence Cuschieri jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur isfar u mmarkata bħala plot numru 3 fuq il-pjanta L.D. nru. 104D/75 parti minn, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għad-direttdominju perpetwu tal-biċċa art hawn fuq imsemmija skont l-Avviż ta' Ftehim tat-28 ta' Novembru, 2001 kien ta' tnax-il elf, tliet mija u erbgħa u sittin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€12,364.31), liema avviż ħareġ skont l-istima tal-Perit Arkitett Joe Mizzi, A&CE, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni. Il-valur indikat fl-Avviż ta' Ftehim hekk kif aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-iskeda tal-Ordinanza

No. 1179

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the Acting President of Malta of the 18th June, 1993, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase.

Today, I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

7th September, 2022

Description of the Land

The following land at Msida:

The perpetual direct dominium of the plot of land measuring aboiut 1,295 square metres, bounded on North West by property of Mario Galea Testaferrata, on the South East by a public road and on the South West by property of Lawrence Cuschieri or more precise boundaries.

The above mentioned land is shown delineated with the colour yellow and marked as plot number 3 on plan L.D. no. 104D/75 part of, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 44 of Chapter 573.

The compensation offered for the perpetual direct dominium of the above mentioned plot of land according to the Notice of Agreement of the 28th November, 2001 was of twelve thousand, three hundred and sixty four Euros and thirty one cents (€12,364.31), which notice was issued according to the valuation made by Architect Joe Mizzi, an extract of which is being attached with this declaration. The value indicated in the Notice of Agreement as updated through the years according to

li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar huwa ta' tmintax-il elf, seba' mija u seba' u sebgħin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€18,177.92). Din id-dikjarazzjoni qeda ssir a bażi tal-tal-Artikolu 44 u 65 tal-Kapitolu 573.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-1 ta' Settembru, 2022

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 12,925.

Art fl-Imsida

Fuq struzzjonjiet tal-Kummissarju tal-Artijiet, skont Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet (għal Skopijiet Pubbliċi), qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fl-Imsida, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li ħadt in kunsiderazzjoni l-lokalità, kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-valur tal-istess proprjetà.

Plot 3. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,295 metru kwadru, li tmiss mil-Majjistral ma' proprjetà ta' Mario Galea Testaferrata, mix-Xlokk ma' triq pubblika u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Lawrence Cuschieri, liema art hija meqjusa bħala art agrikola u in parti bħala art fabbrikabbli fit-termini tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet u hija murija bl-isfar fuq il-pjanta L.D. nru. 104D/75, hija stmata għall-valur ta' tnejn u erbgħin elf u sitt mitt Lira Maltija (Lm42,600). Dan il-valur għandu jinqasam kif ġej:

ħamest elef, tliet mija u tmien Liri Maltin (Lm5,308) għad-Dirett Dominju u seba' u tletin elf, mitejn u tnejn u disgħin Lira Maltija (Lm37,292) għall-Utile Dominju.

Nota: Dan ir-rapport qiegħed jibdel ir-rapport datat 13 ta' April, 1993 f'dak li għandu x'jaqsam mal-proprjetà hawn fuq imsemmija.

(Iff.) Perit Joe Mizzi, A&CE

Is-7 ta' Novembru, 2001

the index of inflation published in the schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance is of eighteen thousand, one hundred and seventy seven Euros andninety two cents (€18,177.92). This declaration is being made on the basis of Article 44 and 65 of Chapter 573.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

1st September, 2022

This site plan is being published on page 12,925.

Land at Msida

As directed by the Commissioner of Land, in terms of Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, I am assessing the freehold and unencumbered value of the property described hereunder in Msida, which is required by the Government for a purpose, and this after having considered the locality, as well as other matters which are related to the value of the same property.

Plot 3. A plot of land measuring about1,295 square metres, bounded on North West by property of Mario Galea Testaferrata, on the South East by a public road and on the South West by property of Lawrence Cuschieri, which land is considered as agricultural land in terms of the Land Acquisition Ordinance and is shown in yellow on plan L.D. no. 104D/75, is valued at forty two thousand and six hundred Maltese Liri (Lm42,600). This value should be divided as follows:

five thousand, three hundred and eight Maltese Liri (Lm5,308) for the Direct Dominium and thirty seven thousand, two hundred and ninety two Maltese Liri (Lm37,292) for the Utile Dominium.

Note: This report is changing the report dated 13th Apri, 1993 for that related to the above mentioned property..


(Sgd) Perit Joe Mizzi, A&CE

7th November, 2001

1B

Dan hu dokument uffiċċjali ghall-użu biss fir-Reġistru ta' l-Artijiet

This is an official document for Land Registry use only 015023




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Gvern ta' Malta

Reġistru ta' l-Artijiet

Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta

Government of Malta

Land Registry

Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **135618 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 53347 y = 72682**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **5272**	Data: *Date:* **26/08/2019**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scerri
Estate Management Department

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 1,295m² circa

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 97777

Dritt imhallas *Fee Paid*

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1574

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) (Rikors numru 97/2022BS) minn Mary Vella et, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Peter Paul Vella, pensjonant, ġja bin il-mejtin Manwel Vella u Grace née Vella, imwieled in-Nadur, Għawdex, fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u ħamsin (1950) u kien jgħix in-Nadur, Għawdex, u miet fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu elfejn u tnejn u għoxrin (2022) ġewwa l-Imsida Malta, detentur tal-karta tal-identità 27250G, intestat. Illi d-decujus kien miżżewweġ lil Mary Vella u minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġ ulied preċiżament lil Charlie Vella u Emanuel Vella. Illi huwa meħtieġ li s-suċċessjoni tal-imsemmi Peter Paul Vella għandha ssir favur l-eredi tiegħu skont il-liġi u dan inkwantu għal nofs (1/2) indiviż a favur ta' martu Mary Vella, pensjonanta, armla ta' Peter Paul Vella, bint il-mejtin Carmelo Bugeja u Eliza née Portelli, imwielda fl-għaxra (10) ta' Settembru, 1958, u residenti Victoria, Għawdex (KI 46358G) u inkwantu għar-rimanenti nofs indiviż (1/2) għal fuq uliedu Charlie Vella, suldat, iben il-mejjet Peter Paul Vella u Mary née Bugeja, imwieled Victoria, Għawdex, fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' April, 1985, u residenti Victoria, Għawdex (KI 19685G) u Emanuel Vella, beach cleaner, iben il-mejjet Peter Paul Vella u Mary née Bugeja, imwieled Victoria, Għawdex, u residenti x-Xewkija, Għawdex (KI 26891G) fi kwoti ndaqs bejniethom, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi zmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 2 ta' Settembru, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the twenty-four (24th) of August of the year two thousand and twenty two (2022) (Application number 97/2022BS), Mary Vella et requested the opening of the succession of Peter Paul Vella, pensioner, was the son of the late Manwel Vella and Grace née Vella, born in Nadur, Gozo, on the fourteenth (14) of March of the year one thousand nine hundred and fifty (1950) and lived in Nadur, Gozo, and died on the twenty-nine (29) of March two thousand and twenty-two (2022) in Msida, Malta, holder of identity card number 27250G, intestate. That the decujus was married to Mary Vella and from this marriage they had two children namely Charlie Vella and Emanuel Vella. That it is necessary that the succession of the said Peter Paul Vella should be done in favor of his heirs according to the law and this is for half (1/2) undivided in favor of his wife Mary Vella, pensioner, widow of Peter Paul Vella, daughter of the late Carmelo Bugeja and Eliza née Portelli, born on the tenth (10) of September 1958 and resides in Victoria, Gozo (ID 46358G) and in quantum for the remaining undivided half (1/2) to his children Charlie Vella, soldier, son of the late Peter Paul Vella and Mary née Bugeja, born in Victoria Gozo on the twenty-fourth (24) of April, 1985, and resides in Victoria Gozo (ID 19685G) and Emanuel Vella, beach cleaner, son of the late Peter Paul Vella and Mary née Bugeja, born in Victoria, Gozo, and resides in Xewkija, Gozo (ID 26891G) in equal shares between them, the issuance of this ban was ordered to inform anyone involved.

Wherefore, any person who considers having an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 2nd of September, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1575

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri) fil-15 ta' Novembru, 2022, fl-atti tar-Rikors numru 208/97 fl-ismijiet Frank Calleja (KI 150227M) vs Charles Paul Attard u b'digriet tat-8 ta' Frar, 2021, Dorothea Deguara (ID 0164772M) assumiet l-atti flok missierha Charles Paul Attard, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi

By order given by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on 15th November, 2022, in the records of Application number 208/97 in the names Frank Calleja (ID 150227M) vs Charles Paul Attard and by decree dated 8 February, 2021, Dorothea Deguara (ID 0164772M) became a party in the proccedings instead of her father Charles

ta' notifika ta' avviż tas-smigħ fil-konfront tal-imsemmi Frank Calleja a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Avviż ta' Smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri fl-24 ta' Frar, 2022, u billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri) fil-kawża bejn Frank Calleja (KI 150227M) vs Charles Paul Attard u b'digriet tat-8 ta' Frar, 2021, Dorothea Deguara (KI 0164772M) assumiet l-atti flok missierha Charles Paul Attard il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal nhar it-Tlieta, ħdax (11) ta' Ottubru, 2022, f'11.45 a.m.

Notifika: Frank Calleja, Die Lorelei, Main Street, Il-Mosta

Reġistru tal-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri), illum 5 ta' Settembru, 2022

AV. DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Paul Attard, the following publication was ordered for the purpose of service of the notice of hearing on the said Frank Calleja pursuant to Section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Notice of Hearing of a cause issued by the Registry of the Superior Courts on 24th February, 2022, and since the written proceedings before the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) in the case between Frank Calleja (ID150227M) vs Charles Paul Attard and by decree of 8 February, 2021, Dorothea Deguara (ID 0164772M) assumed the acts in place of her father Charles Paul Attard are closed the Court has fixed the hearing of this case for Tuesday, eleventh (11) October, 2022, at 11.45 a.m.

Notification: Frank Calleja, Die Lorelei, Main Street, Mosta

Registry of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 5th September, 2022

ADV. DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1576

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-6 ta' Settembru, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3550/2022, fl-ismijiet l-Avukat Dr Peter Fenech noe vs Airbnb Ireland Inc, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lill-kumpanija Airbnb Ireland Inc a tenur tal-Artikolu 2130(2) tal-Kap. 16.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 23 ta' Awwissu, 2022

Lil

Airbnb Ireland Inc (Kumpanija registrata Dublin, l-Irlanda, bin-numru ta' reġisrazzjoni D01 H104)

Permezz tal-preżenti l-Avukat Peter Fenech (KI 67468M) bħala mandatarju speċjali ta' Sandra Bermingham (passaport tar-Renju Unit bin-numru GBR 529482686) ta' 5a Camrose Place, Glenfied Auckland 0629, New Zealand, f'isimha proprju u f'isem uliedha minuri … omissis … filwaqt li jagħmel referenza għall-mewt tar-raġel tagħha Paul Bermingham, li seħħet fl-14 ta' Jannar, 2016, ġewwa r-Renju Unit, ikkaġunata minn Legionella Pneumonia li ġiet trażmessa lilu minn ilma kkontaminat fil-jacuzzi tal-farmhouse sitwata fi Triq Santa Katarina, Sqaq 4, Ix-Xewkija, Għawdex, fejn kien alloġġjat mill-24 ta' Diċembru, 2015,

By means of a decree of the 6th September 2022 in the records of the judicial letter number 3550/2022 in the names Advocate Dr Peter Fenech noe vs Airbnb Ireland Inc, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent company Airbnb Ireland Inc in terms of Article 2130(2) of Cap. 16 of the Laws of Malta.

In the First Hall of the Civil Court

Today 23rd August, 2022

To

Airbnb Ireland Inc (company registered in Dublin, Ireland, with registration number D01 H104)

By means of this present Advocate Dr Peter Fenech (ID 67468M) as special mandatory of Sandra Bermingham (UK passport number GBR 529482686) residing at 5a, Camrose Place, Glenfield Auckland 0629, New Zealand, in her own name and on behalf of her minor children … omissis …, while making reference to the death of her husband Paul Bermingham, which occurred on the 14th January, 2016, in the United Kingdom, caused by Legionella Pneumonia infection he contracted from contaminated water in the farmhouse jacuzzi located in Triq Santa Katarina, Alley 4, Xewkija, Gozo, where he was residing between 24th

sat-2 ta' Jannar, 2016, jinterpellak sabiex taddevjeni għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti minn Sandra Bermingham u wliedha kawża ta' dan.

F'każ illi tonqos milli tagħmel dan fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi din l-ittra ma jibqax triq oħra għajr illi jittieħdu l-proċeduri legali opportuni kontra tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor, spejjeż ta' liema proċeduri jkunu unikament a kariku tiegħek.

Din l-interpellazzjoni qiegħda ssir ukoll sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2107 et sequitur inklużi izda mhux ristretti biss għall-Artikoli 2153 u 2154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant sabiex tagħraf timxi

Bl-ispejjeż

Mittenti: 36, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Intimati: Airbnb Ireland UC, 25/28, North Wall Quay, Dublin 1, D01 H104, Ireland

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

December, 2015, and 2nd January, 2016, summons you to come forward for the liquidation of damages suffered by his wife and children as a result.

In the event that you fail to do so within one week from receipt of this letter, legal proceedings will be taken against you without further notification, at your own costs.

This letter is also being sent to interrupt presciption in terms of articles 2107 et sequitur including but not restricted only to Articles 2153 and 2154 of Chapter 16 of the Laws of malta.

So much for your own guidance

With costs

Sender: 36, Triq l-Arċisqof, Valletta

Receiver: Airbnb Ireland UC, 25/28 North Wall Quay, Dublin 1, D01 H104, Ireland

Registry of the Superior Courts, today 7th September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1577

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fis-27 ta' Lulju, 2022, fuq rikors ta' Marina Di Valletta Limited (C73367) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 12 ta' Ottubru, 2022, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir f'Marina Di Valletta, Haywharf, Tal-Pietà, Pantoon CR0. tad-dgħajsa hawn taħt deskritta maqbuda mingħand MedMalta Services Limited (C80753) u b'digrieti tas-27 ta' Jannar, 2022, u tal-31 ta' Awwissu, 2022, ġew nominati kuraturi deputati Dr Charmaine Cherret u PL Lindsey Ann Galea għall-assenti soċjetà.

RIB tal-mudell GTR Mare 550X DF40 ASTL bis-serial number 04004F-710448 u bin-numru tar-reġistrazzjoni S21848.

N.B. L-imsemmija dgħajsa tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-Subbasta numru 2/22.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 6 ta' Settembru, 2022.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 27th July 2022 on the application of Marina Di Valletta Limited (C73367), Wednesday, 12th October, 2022, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Marina Di Valletta, Haywharf, Tal-Pietà, Pantoon CRO. of the following boat seized from the property of MedMalta Services Limited (C80783) and by decrees of 27th January, 2022 and 31st August, 2022 Dr Charmaine Cherret and Lindsey Ann Galea LP had been nominated curators for the absent company.

RIB model GTR Mare 550X DF40 ASTL with serial number 04004F-710448 and with registration number S21848

N.B. The boat will be sold as described in the acts of Judicial sale file number 2/22.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 6th September, 2022.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603